

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

FINALI
A6-0089/2007

28.3.2007

RAPPORT

dwar it-Twaqqif tat-telf tal-Bijodiversità sa l-2010
(2006/2233(INI))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Rapporteur: Adamos Adamou

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA**Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI**Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD**Error! Bookmark not defined.**

PROCÉDURA.....**Error! Bookmark not defined.**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-Twaqqif tat-telf tal-Bijodiversità sa l-2010 (2006/2233(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "It-Twaqqif tat-telf tal-Bijodiversità sa l-2010 - u lil hinn": it-tisħiħ tas-servizzi ta' l-ekosistema għall-ġid tal-bniedem" (COM(2006)0216),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-20 ta' Ottubru 1998 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar strateġija tal-Komunità Ewropea għall-bijodiversità¹
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Marzu 2002 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-pjanijiet ta' azzjoni għall-bijodiversità fl-oqsma tal-konservazzjoni ta' riżorsi naturali, agrikultura, sajd, u kooperazzjoni fl-iżvilupp u dik ekonomika²,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tiegħu tal-25 ta' Ġunju 1993 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika³,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' tjur selvaġġ (Direttiva tat-Tjur)⁴ u r-riżoluzzjoni tas-17 ta' Jannar 2001 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-ambjenti naturali (Direttiva dwar l-Ambjenti Naturali)⁵,
- having regard to its position of 31 May 2001 on the proposal for a decision of the European Parliament and of the Council setting up the Sixth Community Action Programme for the Environment (2001-2010)⁶ ,
- wara li kkunsidra r-Reviżjoni ta' l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-UE (EUSDS) - Strateġija Mġedda⁷,
- wara li kkunsidra r-riżultat tat-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Firmatarji (COP 8) tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u tat-tielet laqgħa tal-Firmatarji (MOP 3) tal-Protocol ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u Sikurezza ta'

¹ OJ C 341, 24.3.2000, paġna. 41.

² OJ C 47, 24.3.2000, paġna. 575.

³ OJ C 194, 24.3.2000, paġna. 401.

⁴fn

⁵ ĠU C 262, 18.9.2001, p. 132.

⁶ ĠU C 47 E, 21.2.2002, p. 113.

⁷ Dokument tal-Kunsill 10117/06, 9.6.2006.

l-Ikel u l-opinjoniġiet tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali u tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0000/2007),

- A. billi r-rata attwali inkwetanti ta' telf ta' bijodiversità hemm ċans tajjeb li ssir aktar mgħaġġla u tkompli sejra fin-nuqqas ta' miżuri fuq skala kbira,
- B. billi s'issa *hemm ftit* indikaturi *adegwati* disponibbli biex jiġi mkejjejjel b'mod effettiv il-limitu sa fejn l-esiġenzi tad-diversità bijoloġika qed jiġu *ssodisfati* fi ħdan l-implimentazzjoni tal-politiki varji, ***bl-Indiċi Komunu tat-Tajr ta' l-Art Agrikola bħala wieħed mill-aktar notevoli***,
- C. billi l-bijodiversità għandha rwol essenzjali fil-manteniment tal-ħajja u ta' l-għixien, ta' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, tal-benesseri tal-bniedem, kif ukoll fil-kisba tal-Miri tal-Millenju għall-Iżvilupp għall-2015,
- D. billi, skond l-Evalwazzjoni tal-Millenju ta' l-Ekosistemi tan-NU fl-2005, 2/3 ta' l-ekosistemi kollha marru lura mill-bidu tas-sittinijiet,
- E. billi l-fatturi ewlenin li jwasslu għat-telf tad-diversità bijoloġika huma l-bidla fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, l-użu ta' metodi intensivi fl-agrikoltura u l-immaniġġjar mhux xieraq tal-foresti u tar-riżorsi ta' l-ilma;
- F. billi bħala utent tal-bijodiversità, l-agrikoltura għandha rwol essenzjali fl-immaniġġjar u l-manteniment ta' l-istess bijodiversità; iqis li l-CAP għandha tibda tippromwovi mudelli sostenibbli ta' produzzjoni li filwaqt li jkunu ekonomikament vijabbli, iħallu impatt fuq l-ambjent u fuq il-valorizzazzjoni u r-riabilitazzjoni tal-bijodiversità ta' l-akbar għadd possibbli ta' speċijiet ta' animali, ħxejjex u mikro-organiżmi;
- E. billi hemm hteieġa urġenti għal sforzi intensifikati u koordinati sabiex mhux aktar tard mill-2010 jieqaf it-telf tal-bijodiversità,
 1. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għall-metodu konċettwali tagħha, l-oġettivi tagħha ta' prijorità għall-2007 - 2008 u l-miżuri prinċipali tagħha, u temmen li huwa bidu tajjeb għal metodu aktar iffokat lejn il-kisba tal-mira ta' bijodiversità ta' l-2010; jissekonda wkoll id-deċiżjoni sabiex jitpoġġa enfasi fuq it-tiżni ta' l-implimentazzjoni tal-politika eżistenti u l-miżuri eżistenti;
 2. Jisħaq fuq il-valur intrinsiku tal-bijodiversità u fuq l-urġenza li din tkun imħarsa milli tkompli tiddegrada minħabba l-influwenza u l-indhila tal-bniedem, inklużi imma mhux biss, l-esplojtazzjoni, il-bidla fil-klima u t-telf ta' l-ambjenti naturali;
 3. Jesprimi tħassib profond dwar it-telf kontinwu ta' bijodiversità u l-fatt relatat li s-servizzi ta' l-ekosistema sejrjn lura;
 4. Jirrikonoxxi l-importanza vitali ta' ekosistemi b'saħħtihom għall-prosperità u l-benesseri fl-UE u madwar id-dinja kollha;
 5. Jisħaq li l-bidla fil-klima u t-telf tal-bijodiversità huma marbuta flimkien mill-qrib u għandhom l-istess importanza;

6. Jafferma mill-ġdid il-bżonn urġenti li jsir sforz sabiex jintlaħqu l-impenji sabiex jieqaf it-telf tal-bijodiversità fl-UE sa l-2010 (mill-Kunsill Ewropew f'Gothenburg fl-2001, l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-Sitt Programm ta' Azzjoni għall-Ambjent); jenfasizza l-ħtieġa urġenti għal sforzi intensifikati u koordinati sabiex tieqaf din it-tendenza, b'mod partikolari fid-dawl tal-ftit żmien li fadal sabiex jintlaħqu l-impenji ta' l-2010; jappoġġja l-approċċ integrat propost fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, li skond dan l-approċċ il-waqfien tat-tnaqqis tad-diversità naturali għandu jiffirma parti mill-politiki rilevanti kollha ta' l-UE;
7. Jirrikonoxxi l-importanza potenzjali tal-kunċett li qed jitfaċċa ta' servizzi ta' l-ekosistemi kif promoss mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bħala għodda biex il-valur ekonomiku tal-bijodiversità ikun inkorporat f'oqsma ta' politika oħrajn u jissuġġerixxi li l-manteniment tas-servizzi ta' l-ekosistemi għandu jsir għan fundamentali għall-politiki kollha orizzontali jew settorjali ta' l-UE; madanakollu jwissi li m'għandux jitnaqqas il-valur tal-bijodiversità għall-benefiċċji li l-bnedmin jistgħu jieħdu minnu, jew iħares lejn it-telf tal-bijodiversità bħala kwistjoni ekonomika biss;
8. Jilqa' b'sodisfazzjoni il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għall-2010 u Wara u jirrikonoxxi li dan huwa għodda vitali u opportunità ta' l-aħħar sabiex jinġabru flimkien il-partijiet interessati kollha fuq livell Komunitarju u ta' SM dwar azzjonijiet ewlenin sabiex jintlaħqu l-impenji 2010; iżda minħabba ż-żmien limitat li fadal għall-implimentazzjoni, iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-istrutturi meħtieġa jkunu f'posthom sabiex ikun hemm implimentazzjoni immedjata u effettiva fuq livell Komunitarju u dak ta' SM;
9. Jirrikonoxxi li l-Pjan ta' Azzjoni mhux ser ikun biżżejjed sabiex jikkonserva l-bijodiversità u jsostni s-servizzi ta' l-ekosistema fit-tul; jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta sabiex jitnieda dibattitu Ewropew dwar viżjoni fit-tul bħala qafas għal politika fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tibda proċess għal żvilupp ta' viżjoni Ewropea fit-tul għall-bijodiversità, bħala qafas għal aktar politika fit-tul;
10. F'dan il-kuntest jistieden lill-Kummissjoni tistudja u tagħmel proposti għal miżuri prattiċi sabiex il-prezz tat-telf tal-bijodiversità jkun internalizzat f'attivitajiet li għandhom impatt negattiv sinjifikanti fuq il-bijodiversità;
11. Huwa tal-fehma li s-soċjetà kollha ta' l-UE, inklużi l-oqsma tal-kummerċ u ta' l-edukazzjoni, għandha tkun involuta b'mod attiv fil-proċess tal-ħarsien tal-bijodiversità;

QASAM TA' POLITIKA 1 - IL-BIJODIVERSITÀ U L-UE

L-aktar ambjenti naturali u speċijiet importanti (Objettiv 1)

12. Jenfasizza l-irwol vitali li għandhom id-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ambjent Naturali fil-protezzjoni tal-bijodiversità ta' l-UE; jirrikonoxxi l-importanza li n-netwerk Natura 2000 tkun kompluta anki fuq l-art u l-baħar, li jkun hemm immaniġġjar effettiv u ffinanzjar xieraq tan-netwerk, li jkun hemm użu ta' l-art li jikkunsidra dan, li l-koerenza tissaħħaħ, li jkun hemm resistenza u konnettività tan-netwerk, partikularment fid-dawl tal-bdil fil-klima;

13. Jenfasizza l-importanza li fin-netwerk tan-Natura 2000 ikunu inklużi żoni f'pajjiżi u territorji barranin li jinsabu taħt is-sovranità ta' Stati Membri ta' l-UE;
14. Jisħaq fuq l-importanza ta' miżuri addizzjonali ffukati fuq speċijiet mhedda u jirrikonoxxi l-valur li l-użu tal-pjanijiet ta' azzjoni dwar l-ispeċijiet jitwessa' f'dan ir-rigward; stresses that the conservation status of habitats and species whose protection is required by the directive should be reviewed on a scientific basis at regular intervals;
15. Juri l-bżonn li jiġu prodotti miżuri speċifiċi biex jipromwovu l-bijodiversità fl-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE, u jenfasizza l-fatt li s-servizzi marbuta ma' l-ekosistemi, bħall-manutenzjoni tal-pajsaġġ, u attivitajiet ekonomiċi bħat-turiżmu jiddependu fuq xulxin;
16. Jinnota li l-promozzjoni ta' metodi ta' sajd selettiv jikkostitwixxi prijorità għaliex għandu jikkontribwixxi lejn is-sostenibbiltà tas-sajd u l-manteniment tal-bijodiversità billi jnaqqas il-qbid sekondarju; 17. Jenfasizza l-importanza tal-livell għoli ta' bijodiversità fir-reġjuni ta' barra u jitlob li jittieħdu miżuri tat-tip Direttivi-Natura sabiex din tiġi kkonservata u l-użu tagħha jkun sostenibbli.
18. Jagħraf li filwaqt li l-qbid u l-kummerċ ta' animali ħajjin għadu qed joffri theddid lill-bijodiversità, l-Ewropa għandha wkoll numru ta' istituzzjonijiet żoologċi u organizzazzjonijiet oħra li qed juru, permezz ta' programmi ta' trobbija u miżuri ta' konservazzjoni 'in situ', li għandhom parti x'jilagħbu sabiex speċijiet li jinsabu fil-periklu ta' l-estinzjoni jibqgħu jinżammu ħajjin;
19. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni sabiex timplimenta politika marittima komuni bbażata fuq approċċ olistiku lejn l-ibħra u jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa tal-preservazzjoni ta' l-ambjent u l-ekoloġija ta' l-ibħra bħala garanzija għall-iżvilupp ekonomiku ta' setturi bħas-sajd, it-turiżmu u oħrajn;

Ambjent tal-kampanja usa' u ambjent marittimu wiesa' (Objettivi 2 & 3)

20. Jirrikonoxxi li l-ippjanar ta' l-użu ta' l-art u l-isfruttament ta' l-ispeċijiet selvaġġi (permezz ta' kaċċa u sajd) huma fatturi ewlenin li jaffettwaw il-bijodiversità u s-servizzi ta' l-ekosistemi; jisħaq b'mod partikolari dwar theddid għall-art użata għall-biedja u foresti b'valur għoli ta' natura li ġej kemm mill-intensifikazzjoni u kemm mill-abbandun; jirrikonoxxi t-theddid lil stokkijiet tal-ħut, speċijiet li m'humix fil-mira u ambjenti naturali marittimi li ġej minn Prattiki ta' sajd li m'humix ekoloġikament sostenibbli inkluż is-sajd illegali u s-sajd li juża teknoloġiji distruttivi u li ma jagħmlux għażla;
21. Jirrimarka li hemm bżonn li tinżamm id-diversità tal-pajsaġġi rurali Ewropej, mhux biss biex ikunu jistgħu jibqgħu għaddejjin is-servizzi pprovduti mill-biedja sostenibbli, iżda wkoll biex jinżamm il-fluss tal-gene bejn popolazzjonijiet selvaġġi ta' flora u fauna;
22. Jenfasizza l-importanza ta' l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni dwar is-Sajd riformata (CFP), għaliex tipprovi għall-iżvilupp sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u tiskoraġġixxi s-sajd eċċessiv, li jikkostitwixxi theddida għall-ħajja tal-baħar;
23. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tħejji programm speċifiku ta' azzjoni biex jiġġieled is-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU), li jikkostitwixxi theddida

fundamentali għat-tiġdid ta' l-istokk tal-ħut;

24. Jilqa' l-proposta mressqa mill-UE u mill-Istati Membri sabiex l-ekosistemi tal-baħar u tax-xmajjar ikunu inkorporati fin-netwerk NATURA 2000 tas-siti protetti, u jistieden sabiex ikun hemm enfasi fuq iż-żoni ta' riproduzzjoni ta' l-istokk tal-ħut;
25. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkonsolida n-netwerk NATURA 2000 billi testendiha fl-għaxar Stati Membri li ssieħbu ma' l-UE fl-2004 u fil-Bulgarija u r-Rumanija peress li, wara s-sħubija ta' dawn iż-żewġ pajjiżi ta' l-aħħar, il-Baħar l-Iswed issa jifforma parti mill-ibħra tal-Komunità;
26. Ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex jisfruttaw l-opportunitajiet kollha disponibbli fi ħdan il-CAP u s-CFP sabiex jappoġġjaw il-miri tal-bijodiversità fil-kampanja usa' u fl-ambjent marittimu wiesa' (ie. 'l barra mis-siti Natura 2000); jitlob li jkun hemm aktar integrazzjoni tal-kunsiderazzjoni tas-servizzi tal-bijodiversità u tas-servizzi ta' l-ekosistema fil-CAP u s-CFP u li jkun hemm identifikazzjoni b'mod partikolari ta' l-opportunità pprovduta f'dan ir-rigward mir-reviżjoni tal-baġit 2008-2009;
27. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-riperkussjonijiet fuq il-bijodiversità ta' l-introduzzjoni ta' speċijiet eżotiċi u tal-possibilità reali li ħut immodifikat ġenetikament joħroġ fl-ekosistemi tal-baħar, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistudja aktar il-perikli;
28. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġġixxi u tappoġġja studji konnessi mat-trobbija ta' speċijiet ġodda fil-magħluq, partikularment speċijiet affetwati mis-sajd eċċessiv, b'hekk ikunu milħuqa l-ħtiġijiet tas-suq li huma potenzjalment mhedda bit-tnaqis fil-qbid;
29. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li d-diversità ta' l-annimali mrobbija fl-irziezet u tal-varjetajiet tal-pjanti mkabbru fil-biedja qiegħda dejjem tonqos; jitlob, għalhekk, li tiġi trasposta immedjatament id-Direttiva tal-Kunsill 98/95/KE¹, li tipprovdi li jkun hemm bażi legali sabiex fil-qafas tal-leġiżlazzjoni dwar il-kummerċ taż-żrieragħ, tkun permessa l-konservazzjoni, permezz ta' l-użu in situ u fl-irziezet, ta' varjetajiet mhedda bl-erożjoni ġenetika;
30. Jirrimarka li l-Politika Komuni għall-Agrikoltura (CAP) u d-dinamika ta' l-iżvilupp assoċjata li twassal, min-naħa waħda, għall-ispeċjalizzazzjoni u l-intensifikazzjoni u, min-naħa l-oħra, għall-marġinalizzazzjoni u l-użu inqas intensiv ta' l-art, ikkontribwixxew għal telf sinifikanti ta' bijodiversità f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin;
31. Jirreferi għar-rikkezza kbira ta' speċi u għad-diversità ġenetika kbira ta' wċuħ tar-raba' u ta' annimali, u jagħti l-opinjoni tiegħu favur iż-żamma u t-tisħiħ ta' din id-diversità;
32. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi l-immaniġġjar u l-irkupru ta' pjanijiet għal ċertu speċijiet ta' ħut li spiss m'humiex konformi mal-monitoraġġ tajjeb ta' dawk l-ispeċijiet; ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tapplika miżuri aktar speċifiċi li huma kompatibbli mat-tagħmir tas-sajd u mal-metodi wżati fl-oqsma bijoġeografiċi fil-kwistjoni;

¹ ĠU L 25, 22.12.2000, p. 1.

33. Jisħaq fuq l-importanza ta' implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma sabiex jinkiseb 'status ekoloġiku tajjeb' għall-ilmijiet ħelwa u tar-Rakkomandazzjoni dwar Immaniġġjar Integrat taż-Żoni Kostali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-istrumenti ekonomiċi pprovduti mill-Artikolu 5 u l-Artikolu 9 tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma sabiex jingħata inċentiv għall-użu għaqli ta' din ir-riżorsa skarsa u tkun ipprovduta bażi finanzjarja soda għall-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Immaniġġjar tal-Baċin tax-Xmajjar; jisħaq dwar l-importanza li tinħoloq Direttiva ta' Qafas Marittima ambizzjuża bil-għan li tinkiseb 'kundizzjoni ambjentali tajba' ta' l-ambjent marittimu; jisħaq dwar l-importanza li tagħti l-Istrateġija Marittima li ġejja lill-manteniment tal-bijodiversità u s-servizzi ta' l-ekosistema bħala objettiv ewlieni li jiżboq lill-oħrajn.
34. Iħeġġeġ lill-Kummissjon sabiex tivverifika aktar mill-qrib il-konformità mal-liġijiet Komunitarji konnessi mal-ġlieda kontra t-tniġġis u d-degradazzjoni ta' l-ekosistemi tal-baħar;
35. Jirrikonoxxi l-ħasra kbira li qed issir lill-ekosistemi fl-UE minn sustanzi li jniġġżu, speċjalment minn sustanzi aċidifikanti u ewtrofikanti li jniġġżu (*acidifying and eutrophication pollutants*), inkluża l-ammonja minn sorsi agrikoli; jisħaq dwar l-importanza li l-pessjonijiet minn dawn is-sustanzi li jniġġżu jitnaqqsu, speċjalment f'siti tan-Natura 2000 u sisti oħra ta' valur għoli u kif ukoll madwarhom; jenfasizza l-opportunità li dan it-tħassib jiġi indirizzat fir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar il-Limiti Massimi Nazzjonali ta' Emissjonijiet kif ukoll permezz ta' implimentazzjoni f'waqtha ta' l-Istrateġija Tematika għall-Kwalità ta' l-Arja;
36. Jirrikonoxxi t-tħeddid għall-ekosistemi minn ċerti pestiċidi, prodotti li jagħmluha diffiċli li jaqbad in-nar (*flame retardants*) u kimiċi oħrajn persistenti, bijokumulattivi u tossiċi; stresses the importance in this regard of effective implementation of REACH; jisħaq dwar il-bżonn li jkun hemm immoniterjar tal-bijokumulazzjoni ta' kontaminanti bhāl dawn permezz ta' predaturi f'ambjenti terrestri, ta' l-ilma ħelu u dawk marittimi; barra minn hekk jidhirlu li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-perikli ta' l-użu tal-pestiċidi peress li huma maħsubin biex ikunu tossiċi u huma użati fl-ambjent; jinnota li l-leġiżlazzjoni Ewropea l-ġdida dwar il-pestiċidi - proposta għal regolament dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti (COM(2006)0388 - [2006/0136](#)(COD)); proposta għal direttiva ta' qafas dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi (COM(2006)0372 - [2006/0132](#)(COD)); Strateġija tematika dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi (COM(2006)0373 - [2007/2006](#)(INI)) - għandha tiżgura li t-telf tal-bijodiversità Ewropea ma jikbirx minħabba l-użu tal-pestiċidi;
37. Jirrimarka li l-promozzjoni ta' denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għandha rwol ewlieni biex tissalvagwardja l-ispeċjalitajiet reġjonali, il-kultura rurali sħiħa marbuta magħhom u l-prattiki agrikoli tradizzjonali marbuta magħhom li permezz tagħhom is-sistemi tal-biedja tal-kampanja u rurali jistgħu jiġu ppreservati bħala ambjenti naturali fejn jgħixu ħafna speċijiet selvaġġi;
38. Jirrimarka li fl-1992 sar l-ewwel pass biex il-ħarsien tal-bijodiversità jiġi integrat fil-CAP, u li aktar tard, ir-riforma ta' l-2003 introduċiet miżuri bħall-konformità reċiproka, il-pagament waħdieni għal kull farm (decoupling) u l-iżvilupp rurali li jwasslu għal

benefiċċji għall-bijodiversità; 10.

39. Jipproponi li l-bijodiversità għandha tkun wieħed mill-prinċipji prinċipali tal-'kontroll tas-saħħa' tal-CAP skedat li jsir fl-2008, u jikkunsidra meħtieġ li dan il-'kontroll tas-saħħa' ta' l-2008 jintuża sabiex issir evalwazzjoni ta' l-effettività tal-miżuri varji dwar il-bijodiversità, speċjalment miżuri fis-settur tal-forestrija, u sabiex in-nuqqasijiet f'dan il-qasam ikunu trattati b'mod xieraq;
40. Jiġbed l-attenzjoni għar-regolament ġdid dwar l-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013), li jipprovdi, fost affarijiet oħra, għall-iffinanzjar ta' Natura 2000, jinkludi miżuri agrikoli-ambjentali u miżuri immirati biex jippreservaw ir-riżorsi ġenetiċi fil-biedja u jappoġġjaw l-immaniġġjar sostenibbli tal-foresti u jmantni l-pagamenti għal żoni bi żvantaġġi naturali;
41. Jirrakkomanda l-promozzjoni ta' sħubijiet (lokali/reġjonali) bejn is-sidien ta' l-art u l-partijiet li jużawha, organizzazzjonijiet li jaħdmu favur il-konservazzjoni tan-natura, il-gvern u ċentri ta' kompetenza speċjalizzata sabiex ikunu jistgħu jaħdmu flimkien biex isibu soluzzjonijiet lokali għal problemi ta' bijodiversità, billi jadottaw metodu minn isfel għal fuq;
42. Jitlob li l-kultivazzjoni u l-użu tal-bijomassa għall-produzzjoni ta' l-enerġija u bħala fjuwil tittieħed bħala opportunità biex tiżdied il-bijodiversità fil-biedja; iqis li dan għandu jkun rifless ukoll fl-iffinanzjar tar-riċerka fi ħdan is-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka u li l-kultivazzjoni tal-bijomassa m'għandhiex titħalla twassal għal tnaqqis fil-bijodiversità fl-Unjoni Ewropea jew lil hinn minnha;

Żvilupp reġjonali u territorjali (Objettiv 4)

43. Jirrikonoxxi l-frammentazzjoni dejjem tikber ta' ekosistemi li ġejja mill-espansjoni ta' l-infrastruttura, l-industrija u ż-żoni ta' abitazzjoni; jafferma li b'ippjanar bilgħaqal, il-ħsara lill-ekosistemi tista' tonqos ferm u jistgħu jiġu identifikati opportunitajiet li minnhom jibbenefikaw l-ekosistemi; ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li proġetti ffinanzjati mill-fondi ta' koeżjoni u dawk strutturali ma jagħmlux ħsara lill-bijodiversità u lis-servizzi ta' l-ekosistema iżda itejbu l-benefiċċji tal-bijodiversità; ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex jagħtu prijorità lill-manteniment u l-irkupru tal-bijodiversità u tas-servizzi ta' l-ekosistema f'pjanar aktar wiesa' fuq il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali u sabiex jiżguraw konsiderazzjoni xierqa tal-bijodiversità f'evalwazzjonijiet ambjentali strateġiċi (SEA) u f'evawlazjonijiet ta' impatt fuq l-ambjent (EIA);

Speċijiet aljeni invażivi u Ġenotipi Aljeni (Objettiv 5)

44. Jirrikonoxxi li l-IAS huma theddida ewlenija għall-bijodiversità, u li l-firxa ta' l-IAS qed tiġi aggravata miż-żieda fiċ-ċaqlieg ta' persuni u ta' merkanzija; ihegġegħ l-iżvilupp ta' rispons komunitarju komprensiv għall-probelma, inklużi sistema ta' twissija minn kmieni, l-irranġar ta' nuqqasijiet fil-qafas leġiżlattiv, inkluż l-iżvilupp ta' Strateġija ta' l-UE għall-IAS;
45. Jenfasizza li l-immunokontraċezzjoni tista' tilgħab parti deċiżiva fil-kontroll ta' l-ispeċijiet mammiferi invażivi barranin (IAS) u jinnota r-riċerka importanti li għaddejja

bħalissa f'dan il-qasam; iħegġegħ lill-Kummissjoni talloka finanzjament għar-riċerka Ewropea dwar l-immunokontraċezzjoni u li toħroġ sejħa għal proposti ta' proġetti; jinnota li l-Programm LIFE+ huwa qafas li diġà jeżisti li jista' jkun utilizzat b'riżultati aħjar biex jinkuraġġixxi l-azzjoni fuq l-IAS;

46. Jitlob lill-Kummissjoni tieħu passi sabiex tipproponi leġiżlazzjoni biex tkun l-introduzzjoni ta' speċijiet barranin fl-Unjoni Ewropea tkun limitata u tikkontrolla t-twertiq tal-Konvenzjoni ta' CITES;
47. Jiġbed l-attenzjoni lejn dak li xi drabi huwa l-impatt diżastruż ta' organiżmi eżotiċi fl-ekosistema marittima; jitlob li jsiru miżuri urġenti biex ikun evitat it-trasferiment ta' organiżmi fl-ilma għas-saborra u jħegġegħ lill-Istati Membri jimplimentaw il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Kontroll u l-Immaniġġjar ta' l-Ilma għas-Saborra tal-Vapuri u *tas-Sedimenti skond* l-IMO;
48. Jistieden lill-KE sabiex tintroduċi kontrolli effettivi dwar ir-rilaxx ta' ilma tas-saborra fl-ibħra ta' l-UE;
49. Jenfasizza l-importanza li l-qafas leġiżlattiv ta' l-UE dwar l-Organiżmi Ġenetikament Modifikati jiġi implimentat b'mod sħiħ; jenfasizza r-riskji potenzjali li hemm għall-bijodiversità mill-produzzjoni fuq skala industrijali ta' wċuh immodifikati ġenetikament (GM) u jitlob lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt fuq l-ekosistemi Ewropej;
50. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-possibilità li ħut modifikat ġenetikament joħroġ fl-ekosistemi tal-baħar u l-probabilità li jirriproduċu mal-ħut lokali, li jista' jkisser il-bijodiversità ta' dawn l-ekosistemi; jistieden lill-KE sabiex tipprojbixxi milli jidħol fl-UE l-ħut modifikat ġenetikament maħsub għall-katina ta' l-ikel ta' l-UE;
51. Jilqa' d-dikjarazzjoni ta' intenzjoni tal-Kummissjoni li tintroduċi leġiżlazzjoni speċifika għaċ-ċertifikazzjoni tal-ħut u jħeġġiġha sabiex tressaq proposta leġiżlattiva mill-aktar fis possibbli;

QASAM TA' POLITIKA 2 - IL-BIJODIVERSITÀ TA' L-UE U DIK GLOBALI

Tmexxija internazzjonali (Objettiv 6)

52. Jappoġġa bis-sħiħ l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) u jħegġegħ *it-tmexxija* min-naħa ta' l-UE f'dan ir-rigward; jisħaq fuq l-importanza li l-programmi ta' ħidma tas-CBD, inklużi daww dwar *iż-żoni* mħarsa, jiġu implimentati; jisħaq dwar il-bżonn li tiġi ffinalizzata ħidma fuq *reġim* internazzjonali dwar l-aċċess għal riżorsi ġenetiċi u għall-kondiviżjoni tal-benefiċċji; jenfasizza li l-appoġġ u s-sinerġija reċiproka bejn il-ftehimiet internazzjonali dwar l-ambjent għandhom jiżdiedu u jipproponi li l-pajjiżi terzi li jirċievu sussidji ta' l-UE għandhom jirrispettaw il-politika tal-bijodiversità;
53. Jirrikonoxxi t-tħeddida għall-bijodiversità fl-ibħra l-kbar; iħegġegħ it-tiswir ta' fteħima dwar il-ħarsien tal-bijodiversità fl-ibħra l-kbar fi ħdan il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar; iħegġegħ lill-UE sabiex tkompli tieħu rwol ta' tmexxija f'dan il-qasam;

54. Jikkusidra vitali li jkunu promossi l-ftehimiet u l-pjanijiet ta' azzjoni kkumbinati bejn l-UE u pajjiżi terzi mirati lejn il-preservazzjoni taż-żoni komuni tal-baħar;
55. Jenfasizza t-theddida li qed tiffaċċja l-bijodiversità mis-sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ibħra fondi (deep sea bottom-trawling) u minn prattiki tas-sajd oħra li m'humiex sostenibbli; jinnota d-deċiżjoni riċenti fl-Assemblea Ġenerali tan-NU f'dan ir-rigward; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta kemm jista' jkun malajr proposti leġiżlattivi dwar is-sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ibħra miftuħa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex taħdem flimkien man-NU u l-Organizzazzjonijiet Reġjonali ta' l-Immaniġġjar ta' l-Industriji tas-Sajd relevanti, fejn jeżistu, sabiex ikunu adottati u implimentati miżuri biex ikunu mmaniġġjati l-industriji tas-sajd kollha li jitmexxew f'ibħra miftuħa, inklużi dawk l-industriji tas-sajd li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir; ikompli jħeġġeġ lill-Kummissjoni li taħdem għall-implimentazzjoni urġenti ta' miżuri li jħarsu l-ambjenti naturali importanti ta' l-ibħra fondi fl-ibħra li m'huma taħt il-kontroll ta' l-ebda pajjiż minn prattiki ta' sajd distruttivi, inkluż is-sajd bit-tkarkir tal-qiegħ;
56. Jappoġġja kompletament il-konklużjonijiet tal-Konferenza ta' Pariġi: 'Messaġġ minn-Pariġi' (19-21 ta' Settembru 2006) dwar il-bijodiversità fil-Kooperazzjoni Ewropea għall-Iżvilupp; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri relevanti sabiex jiżguraw finanzjar xieraq għal kwistjonijiet ambjentali u ta' bijodiversità fil-Pajjiżi u fitt-Territorji ta' l-UE lil hinn mix-xtut u biex, f'koordinazzjoni ma' l-awtoritajiet lokali jiżguraw li entitajiet lokali u NGO's ikollhom aċċess aħjar għall-programmi Ewropej.
57. Jiddispijaċih li fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali u multilaterali nġhatat attenzjoni limitata għall-aspetti ta' bijodiversità; jaqbel ma' l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-bijodiversità fil-kummerċ internazzjonali u fl-isforzi globali biex jinbidlu l-mudelli mhux sostenibbli tal-produzzjoni u tal-konsum; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu l-ewwel prijorità biex jiġu rikonoxxuti kwistjonijiet mhux kummerċjali fin-negożjati tad-WTO li qed isiru bħalissa;

Għajnuna barranija (Objettiv 7)

58. Jikkondividi t-tħassib serju tar-Rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-integrazzjoni ambjentali fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-konklużjonijiet tar-reviżjoni tal-politika ta' l-UE għall-bijodiversità (2004) dwar il-livell baxx ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Bijodiversità għall-Kooperazzjoni Ekonomika u ta' l-Iżvilupp; Jilqa' b'sodisfazzjon it-talba tal-Konsensus ta' l-UE għall-Iżvilupp għal 'allokazzjoni' akbar ta' fondi għall-bijodiversità u għal 'integrazzjoni' aktar b'saħħitha tal-bijodiversità fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp.
59. Jirrimarka li, minkejja l-aspirazzjonijiet, il-fondi 'allokati' għall-bijodiversità fil-programmi tal-Komunità u ta' l-Istati Membri għall-għajnuna esterna huma limitati ħafna; Jilqa' b'sodisfazzjon ir-4 riforniment tal-Faċilità Ambjentali Globali iżda jesprimi dispijaċir li dan ma' jirrappreżentax żieda fl-iffinanzjar għall-bijodiversità f'termini reali; jenfasizza l-importanza vitali li jiġu impenjati fondi limitati destinati għall-prijoritajiet tal-bijodiversità f'pajjiżi terzi;
60. Jenfasizza l-importanza vitali ta' 'integrazzjoni' effettiva tat-tħassib dwar il-bijodiversità fil-programmi ta' għajnuna esterna tal-Komunità u ta' l-Istati Membri (inklużi miżuri ta'

appoġġ baġitarju) sabiex jiġi żgurat li dawn ma jirriżultawx fi ħsara għall-bijodiversità u għas-servizzi ta' ekosistema; jisħaq dwar l-importanza, f'dan ir-rigward, li fil-pajjiżi riċevituri tinbena l-kapaċità li jintegraw it-tħassib dwar il-bijodiversità fl-istrateġiji nazzjonali ta' żvilupp (inklużi strateġiji għat-tnaqqis tal-faqar);

61. Jesprimi tħassib serju li, minkejja l-aspirazzjonijiet tal-politika, fir-realtà hemm riskju għoli li l-ġenerazzjoni l-għdida tal-Karti ta' Strateġija tal-Pajjiżi u r-Reġjuni ser ikompli jinjoraw il-ħtiġijiet tal-bijodiversità mingħajr involviment ħafna aktar proattiv min-naħa tal-Kummissjoni mal-pajjiżi riċevituri f'dan ir-rigward;

Kummerċ (Objettiv 8)

62. Jirrikonoxxi l-'marka ekoloġika' (*ecological footprint*) li l-kummerċ ta' l-UE jħalli fuq il-bijodiversità u s-servizzi ta' l-ekosistemi f'pajjiżi terzi; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jidentifikaw l-impatti ewlenin li l-kummerċ għandu fuq il-bijodiversità u s-servizzi ta' l-ekosistemi, b'mod partikolari permezz ta' evlawazzjonijiet ta' l-impatt tas-sostenibilità; jisħaq fuq l-importanza li jsiru miżuri sabiex jitnaqqas l-impatt ekoloġiku tal-globalizzazzjoni fi ħdan il-kuntest ta' ftehimiet multilaterali, reġjonali u bilaterali ta' kummerċ ħieles; jisħaq li l-politiki Ewropej m'għandhomx iwasslu għat-tnaqqis tal-bijodiversità f'pajjiżi terzi.
63. Jesprimi tħassib serju dwar l-importazzjoni mill-UE ta' commodities, inklużi injam, żejt tal-palm u *soybean*, li jinkoraġġixu d-deforestazzjoni tropikali; jesprimi tħassib li t-talba emerġenti għall-bijofjuwils tista' taggrava l-pressjoni fuq il-foresti tropikali; jitlob azzjoni urġenti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri sabiex jadottaw miżuri sabiex jevitaw jew jimminimizzaw l-impatti negattivi li kummerċ ta' dan it-tip għandu fuq foresti tropikali, inklużi ftehimiet bilaterali fi ħdan il-programm għall-infurzar tal-liġi forestali, it-tmexxija u l-kummerċ (FLEGT). ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tipproponi kemm jista' jkun malajr analiżi tal-possibilitajiet għal aktar leġiżlazzjoni sabiex tnaqqas l-importazzjoni ta' injam maqtuġh b'mod illegali;
64. Jistieden lill-Istati Membri sabiex isaħħu l-isforz sabiex jiġġieldu kontra l-kummerċ illegali fi speċijiet elenkati fis-CITES u jstieden lill-Istati Membri u lil-Kummissjoni sabiex isaħħu rispons koordinat għall-infurzar tas-CITES;
65. Jesprimi tħassib li ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd fil-passat aggravaw il-pressjoni fuq stokkijiet tal-ħut, speċijiet li mhumiex fil-mira u ambjenti naturali fl-ibħra tal-pajjiżi terzi; jisħaq dwar l-importanza kritika li jiġi żgurat li ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd jiżguraw li l-istokkijiet tal-ħut jinżammu f'livelli li jgħinu biex ikun hemm l-akbar qabda sostenibbli u jnaqqsu l-impatt fuq speċijiet li m'humiex fil-mira u fuq ambjenti naturali marittimi; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-flotot tas-sajd ta' l-UE joperaw f'konformità ma' dawn il-ftehimiet.

QASAM TA' POLITIKA 3 - IL-BIJODIVERSITÀ U L-BIDLA FIL-KLIMA

Il-Bidla fil-Klima (Objettiv 9)

66. Jirrikonoxxi li beda perjodu inevitabbli ta' bidla fil-klima li ser ikollu impatti sinifikanti fuq l-ekosistemi ta' l-UE u dawk globali; jisħaq li ħafna mill-impatti tal-bidla fil-klima fuq

is-soċjetajiet l-ekonomiji umani ser jinħassu permezz tal-bidla fl-ekosistemi; jirrikonoxxi li bidliet fl-ekosistemi u impatti fuq l-ispeċijiet diġà qed jiġu osservati; għalhekk jišhaq dwar l-importanza vitali li jkun hemm approċċ lejn ekosistemi ta' adattament għall-bidla fil-klima, b'mod partikolari fir-rigward ta' politiki li jaffettwaw l-użu ta' l-art, l-ilma u l-baħar; u sabiex l-UE tkompli tiegħu rwol b'saħħtu ta' tmexxi fuq livell internazzjonali fil-ħidma sabiex jonqsu l-emissjonijiet globali b'effett serra;

67. Jišhaq dwar l-importanza li jiġi żgurat li miżuri sabiex tonqos il-bidla fil-klima, bħal m'hu l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, jiġu evalwati sabiex jiġi żgurat li dawn iqisu l-impatti negattivi potenzjali fuq il-bijodiversità u li impatti bħal dawn jiġu evitati jew imminimizzati - partikolarment fir-rigward ta' *windfarms* u bijofjuwils;
68. Jirrikonoxxi li l-bidla fil-klima ser tpoġġi pressjonijiet addizzjonali qawwijin fuq l-ekosistemi ta' l-UE; jišhaq dwar l-importanza vitali li jkun hemm netwerk koerenti ta' zoni protetti (speċjalment siti tan-Natura 2000) u dwar l-importanza ta' ambjent usa b'saħħtu sabiex tissaħħaħ il-flessibilità ta' l-ekosistemi għall-bidla fil-klima; stresses the need therefore to reduce 'conventional' pressures on ecosystems (fragmentation, overexploitation, pollution, invasive alien species), the need to devise additional measures tailored to address the additional pressure of climate change, as well as the need for an urgent assessment of habitats and species most at risk from climate change;

QASAM TA' POLITIKA 4 - IL-BAŻI TA' L-GĦARFIEN

Għerf (Objettiv 10)

69. Jirrikonoxxi l-isfida immensa *li ġejja* mill-bżonn li nifhmu l-bijodiversità; jesprimi tħassib serju li l-livell ta' riżorsi *ddedikati* għar-riċerka dwar il-bijodiversità u l-ekosistemi huwa wisq baxx meta wieħed iqis l-importanza kritika *tal*-kwistjoni *għall*-prosperità u l-benesseri tagħna; iħeġġeġ sabiex tingħata prijorità akbar lill-iffinanzjar għar-riċerka dwar il-bijodiversità fil-programmi ta' riċerka Komunitarji (FP7) u nazzjonali;
70. Jirrikonoxxi l-bżonn li jkun hemm mekkaniżmi aktar effettivi sabiex il-bażi ta' evidenza relatata mal-bijodiversità u s-servizzi ta' l-*ekosistemi jkollha* effett fuq il-politika *fil-livell* tal-Komunità, *f'dak* ta' l-Istati Membri u *fil-livell* internazzjonali; jappoġġja l-proposta sabiex jinħoloq mekkaniżmu ġdid ta' l-UE għal parir indipendenti u *awtorevoli* għal dan il-għan, li jqis *kif jixraq* id-dispożizzjonijiet eżistenti; jistieden lill-Kummissjoni tħejji studji u evalwazzjonijiet ta' l-impatti tal-produzzjoni ta' enerġija rinovabbli fuq il-bijodiversità u fuq il-bidla fil-bijodiversità f'żoni urbani, inklużi kemm l-impatti pożittivi u kemm dawk negattivi ta' l-ispeċijiet il-ġodda li qed jidhru f'żoni urbani;
71. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li ħafna speċijiet ta' ħut qed jonqsu u dwar il-fatt li r-rapporti xjentifiċi ta' l-ICES qed ikunu segwiti biss b'mod parzjali, jekk tassew qed ikunu segwiti, meta qed ikunu stabbiliti t-TACs; jagħraf il-fatt li r-rapporti xjentifiċi m'humix xi kmandi politiċi, imma jidhirlu li għandu jkun hemm raġunijiet sodi u argumenti tajbin għalfejn wieħed ma jikkonformax ruħu mar-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi; hu tal-fehma, f'dak il-każ, li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jipproduċu wkoll argumenti biex juru li fl-UE ġenwinament qed ikun hemm konformità mal-prinċipju tar-Rendiment Sostenibbli Massimu (MSY);

72. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiffinanzja studji ta' l-ekosistemi tal-baħar, partikularment fiż-żoni li għandhom bijodiversità għanja u attività tas-sajd intensiva;

MIŻURI TA' APPOĠĠ

L-Iffinanzjar

73. Jesprimi tħassib serju dwar il-limiti finanzjarji għall-appoġġ għan-Natura 2000 u għal azzjonijiet oħrajn ta' bijodiversità fil-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għall-2010 u Lilhinn, li ġejjin mid-deċiżjonijiet dwar il-Perspettivi Finanzjarji;
74. Jisħaq dwar ir-responsabilità ta' l-Istati Membri sabiex jieħdu l-opportunitajiet kollha disponibbli fi ħdan il-CAP, is-CFP u l-Fondi ta' Koeżjoni u dawk Strutturali u l-**Life+** u s-Seba' Programm ta' Qafas u sabiex jallokaw aktar riżorsi nazzjonali; iħeġġeġ sabiex tingħata konsiderazzjoni akbar lill-bżonnijiet finanzjarji fir-reviżjoni tal-baġit 2008-2009, li matulha għandu jkun hemm evalwazzjoni ta' kemm *qed ikun biżżejjed u disponibbli* l-iffinanzjar ta' l-UE għall-bijodiversità, speċjalment għan-Natura 2000;
75. Jiddeplora l-fatt, madankollu, li l-proposta tal-Kummissjoni, appoġġjata mill-Parlament, biex tipprovdi EUR 20 biljun oħra għall-politika dwar l-iżvilupp rurali fil-qafas finanzjarju 2007-2013 ma ġietx aċċettata mill-Kunsill, aktar u aktar billi l-flus setgħu jintużaw speċifikament biex ikomplu jwessgħu u jappfondixxu l-miżuri relatati mal-bijodiversità;
76. Jiddeplora l-fatt li l-iffinanzjar disponibbli għall-EAFRD mhuwieq suffiċjenti biex jipproduċi l-effett mixtieq fuq l-immaniġġjar tan-netwerk Natura 2000, kif dan jiġi determinat mill-biedja u mill-industrija tal-foresti, u li l-appoġġ propost għat-titjib ta' l-għarfien u monitorjar huwa partikolarment dgħajjef;
77. Draws attention to the need to provide financial compensation for local communities whose incomes have been adversely affected by means of specific actions aimed at the preservation of the marine environment;
78. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-possibilitajiet li jeżistu taħt id-Direttiva dwar ir-Responsabilità Ambjentali biex ikun applikat il-prinċipju li min iniġġes iħallas u jħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw dawn il-possibilitajiet biex ikunu ffinanzjati miżuri biex ikunu jistgħu jintlaħqu objettivi ambjentali, inklużi dawk tad-Direttivi dwar l-Ambjenti Naturali u t-Tajr;

It-tisħiħ tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet

79. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta għal dibattitu ta' l-UE dwar viżjoni aktar fit-tul għall-bijodiversità u s-servizzi ta' l-ekosistema bħala qafas għal politika; jisħaq li dan id-dibattitu għandu jkun marbut b'mod espliċitu mad-dibattitu dwar il-Futur ta' l-Ewropa; iħeġġeġ li dan id-dibattitu jsir bl-aktar mod inklużiv possibbli u, b'mod partikolari, għandu jittieħed fir-regġuni iħeġġeġ li l-valuri Ewropej relatati man-natura (kemm fl-UE u kif ukoll madwar id-dinja) għandhom ikunu parti espliċita mid-Dikjarazzjoni dwar il-Valuri Ewropej proposta mill-Presidenza Ġermaniża;
80. Jirrikonoxxi l-kwalità għolja ta' l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt relatati ma' inizzjattivi ta'

politika ambjentali tal-Komunità; jesprimi dispjaċir li d-dimensjoni ambjentali fl-evalwazzjonijiet ta' l-impatt relatati ma' l-inizzjattivi ta' politika fl-oqsma oħrajn hija ħafna drabi dgħajfa; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jgħarblu l-inizzjattivi ġodda kollha ta' politika għal impatti negattivi sinifikanti fuq il-bijodiversità u sabiex jiżguraw li fejn jiġu identifikati impatti potenzjali simili, ikun hemm trattament xieraq tal-kunsiderazzjonijiet tal-bijodiverista, inklużi impatti fuq servizzi ta' l-ekosistema, fil-proċess ta' l-evalwazzjoni ta' impatt;

81. Jisħaq dwar l-importanza ta' kumplimentarjetà bejn azzjonijiet fuq livelli Komunitarji u ta' Stati Membri; jirrikonoxxi l-valur uniku tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għall-2010 u Lilhinn bħala għodda li ssaħħaħ il-kumplimentarjetà; għalhekk ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex iġibu l-azzjonijiet tagħhom f'konformità ma' dawk tal-Pjan ta' Azzjoni; ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex jestendu din il-konformità sal-livelli reġjonali u lokali;
82. Jagħfas fuq is-sinjifikat ta' l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ u konsistenti tad-Direttivi dwar it-Tajr u l-Ambjenti Naturali; jinsisti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiddedikaw riżorsi u attenzjoni suffiċjenti għal dan il-kompitu;
83. Jisħaq dwar l-importanza ta' l-ippjannar ta' ispazji fir-rigward tal-bijodiversità u s-servizzi ta' l-ekosistema; ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex isaħħu l-approċċi u l-metodi fuq livelli reġjonali u lokali sabiex isostnu l-bijodiversità u s-servizzi ta' ekosistema, inkluż permezz ta' l-applikazzjoni kumplimentari tan-Natura 2000, l-ippjannar ta' l-immaniġġjar tar-river basin u miżuri ta' żvilupp rurali, u fil-baħar permezz ta' l-implimentazzjoni ta' l-approċċ ta' l-ekosistemi kif stipulat fid-Direttiva Marittima Strateġika.
84. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tagħmel pressjoni fuq dawk responsabbli mid-dewmien suċċessiv fit-twaqqif ta' kunsilli konsultattivi reġjonali għas-sajd, li huma vitali għall-kontroll imtejjeb u għall-preservazzjoni tar-riżorsi tal-ħut;

Sħubijiet

85. Jilqa' b'sodisfazzjon it-talba sabiex jissaħħu s-sħubijiet bejn l-interessi tal-bijodiversità u gruppi interessati ewlenin; jisħaq l-importanza tas-sħubijiet ma' sidien ewlenin u utilizzaturi tar-riżorsi ta' l-art, ta' l-ilma u dawk marittimi; supports in particular partnerships with hunters, the fishing community, farmers and foresters, and with the business and finance sectors; jirrikonoxxi l-irwol importanti li l-Countdown 2010 għandu f'dan ir-rigward.

Edukazzjoni, għarfien u parteċipazzjoni

86. Jisħaq dwar l-importanza li jiżdied il-fehim pubbliku ta' l-importanza tal-bijodiversità u l-ekosistemi għall-prosperità u l-benesseri; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex isaħħu sinifikament il-programmi u l-kampanji sabiex jedukaw u jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali, sabiex jibnu talba politika għal azzjoni, u sabiex isaħħu l-parteċipazzjoni attiva tal-pubbliku ġenerali fil-miżuri ta' konservazzjoni; jisħaq dwar l-importanza ta' l-aċċess għal informazzjoni u l-ġustizzja f'dan ir-rigward.
87. Jinnota li ħafna nies iħossuhom emozjonalment marbuta ma' pajsaġġi u mal-karatteristiċi storiċi tagħhom magħmula mill-bniedem, u japprezzaw is-sbuħija tagħhom; jiddispjaċih

għall-fatt li bil-mod il-mod l-agrikoltura fuq skala kbira qedet il-bijodiversità u l-għmiel tal-pajsaġġi; jidhirlu li r-restawrazzjoni tal-pajsaġġi, pereżempju r-ringieli ta' sġajjar bejn il-mergħat, tkun approvata b'mod ġenerali u tkun qed tgħin biex iġġib lura mill-ġdid il-bijodiversità;

88. Jinnota li fiż-żuijiet u l-akkwarji ta' l-Ewropa jmorru aktar minn 100 miljun viżitatur fis-sena, u jagħraf illi dawn l-istituzzjonijiet għandhom parti sinjifikanti x'jilagħbu fit-tqajjim ta' kuxjenza pubblika dwar l-ambjent;
89. Urges the Commission to launch campaigns to raise public awareness of the problems linked to the preservation of fishery resources and associated ecosystems;

IMMONITERJAR, EVALWAZZJONI U REVIŻJONI

90. Jisħaq dwar l-importanza ta' indikaturi sabiex jinfurmaw lill-pubbliku u lil min jagħmel id-deċiżjonijiet dwar il-progress; jilqa' b'sodisfazzjon is set ta' indikaturi **headline** dwar il-bijodiversità proposti ; iħeġġeġ l-adozzjoni u ż-żamma ta' indikatur tal-bijodiversità bħala Indikatur Strutturali u bħala Indikatur ta' L-Iżvilupp Sostenibbli;
91. Jenfasizza l-importanza vitali tat-tisħiħ fit-tul tal-kapaċitajiet u metodi ta' mmoniterjar bħala appoġġ għas-sett ta' indikaturi u li jiġu pprovduti sorsi aktar mifruxa ta' informazzjoni dwar l-istat tal-bijodiversità, pressjonijiet fuq il-bijodiversità u l-effettività tar-**rispons** politiku; jisħaq il-bżonn li din l-informazzjoni tkun disponibbli b'mod wiesa' permezz ta' sistema kondiviża ta' informazzjoni
92. Jappoġġja proġetti eżistenti fejn qed jiġu żviluppati indikaturi oġġettivi għall-monitorjar u għall-evalwazzjoni tal-bijodiversità u jitlob lill-Kummissjoni biex tiggarrantixxi konformità ma' l-obbligi meħuda mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Konvenzjoni għall-Bijodiversità, jiġifieri l-użu sostenibbli u l-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-qsim ġust u ekwitabbli tal-benefiċċji li jirriżultaw minnha, biex timpenja ruħha sabiex il-materjal ta' riferenza marbut ma' l-ispeċijiet u l-varjetajiet jinżamm biss fi stati firmatarji tal-Konvenzjoni tal-Bijodiversità, u biex tarmonizza l-informazzjoni disponibbli u tagħmel użu min-netwerks eżistenti;
93. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni għall-preżentazzjoni ta' evalwazzjoni f'nofs it-terminu (sa l-aħħar ta' l-2008) u fl-aħħar (sa l-aħħar ta' l-2010 u sa l-aħħar ta' l-2013) tal-progress *li jsir* lejn il-miri tal-Komunikazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament; jisħaq li s-sejbiet ta' dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jinfurmaw proċessi ta' reviżjoni politika u baġitarja aktar wiesgħa inklużi r-reviżjoni baġitarja 2008-09 u r-reviżjonijiet politiċi u baġitarji għall-perjodu ta' wara l-2013; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija komprensiva għal medda twila ta' żmien dwar il-bijodiversità wara l-2010;
94. Jikkunsidra li r-rekwiżiti attwali għar-rapporti għandhom ikunu metodiċi u simplifikati u li fil-fuor ir-rapporti m'għandhomx iwasslu għal aktar piż amministrattiv.

0

0 0

95. Jagħti iŋruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

X'inhi l-Bijodiversità?

Dan huwa terminu ġenerali sabiex jiddeskrivi l-varjetà tal-ħajja kollha u l-proċessi naturali fid-Dinja.

Il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika tiddefinixxiha bħala "il-varjabilità fost l-organiżmi ħajjin mis-sorsi kollha [...] li tinkludi d-diversità fost l-ispeċijiet, bejn l-ispeċijiet u fl-ekosistemi"¹

Fatti u Figuri

L-iżvilupp li l-umanità bbenefikat minnu fl-aħħar għexieren ta' snin ġie assoċjat ma' kemm marru lura l-varjetà u l-limitu tas-sistemi naturali, jiġifieri tal-bijodiversità. Dan it-telf ta' bijodiversità, fil-livell ta' l-ekosistemi, speċijiet u **ġeni**, huwa ta' tħassib mhux biss minħabba l-valur intrinsiku importanti tan-natura, iżda wkoll għaliex dan qed jirriżulta fil-fatt li 'servizzi ta' l-ekosistema' li s-sistemi naturali jipprovdu qed imorru lura. Dawn is-servizzi jinkludu l-produzzjoni ta' l-ikel, il-fjuwil, il-**fibra** u l-mediċini, ir-regolazzjoni ta' l-ilma, l-arja u l-klima, il-manteniment tal-fertilità tal-ħamrija, ċ-ċiklu tan-nutrijenti.

Kif ġie rrimarkat fl-Evalwazzjoni tal-Millennju ta' l-Ekosistema (MA) ppubblikata f'Marzu 2005, l-attivitajiet tal-bniedem wasslu l-pjaneta fuq ix-xifer ta' mewġa kbira ta' **estinsjoni** ta' speċijiet, li thedded aktar il-benesseri tagħna stess. Perżempju, ir-rati attwali ta' telf huma stmati għal bejn 100 u 1,000 darba l-livelli ta' sfond naturali L-Evalwazzjoni tal-Millennju titfa' enfażi speċjali fuq kif is-servizzi ta' l-ekosistema jikkontribwixxu għall-benesseri tal-bniedem, u tikkonkludi li l-futur tal-bniedem jiddependi fuq ekosistemi b'saħħtihom.

Xi figuri b'mod partikolari:

- L-abbundanza ta' l-ispeċijiet marret lura b'40% bejn l-1970 u l-2000.
- Mill-2000 'l hawn intilfu 63 miljun **ettaru ta' foresta primarja** kull sena.
- Fir-reġjun Karibew, il-**kisja tal-qroll iebes** naqset bi 80%.
- 35% tal-**mangroves** intilfu biss f'20 sena.

Il-Mira tal-Bijodiversità 2010

L-UE għamlet dikjarazzjonijiet sinifikanti f'dan ir-rigward. Fl-2001 il-Kapojiet ta' l-Istat jew tal-Gvern ta' l-UE qablu "biex iwaqqfu t-telf tal-bijodiversità [fl-EU] sa l-2010"² u sabiex "jirrestawraw l-ambjenti naturali u s-sistemi naturali"³. Fl-2002, huma ingħaqdu ma' madwar 130 mexxejja dinjija fil-ftehim "biex titnaqqas sinifikament ir-rata ta' telf tal-bijodiversità [globalment] sa' l-2010"⁴

¹ L-Artikolu 2, CBD.

² Konklużjonijiet tal-Prezidenza, il-Kunsill Ewropew ta' Göteborg bejn il-15 u s-16 ta' Ġunju 2001.

³ COM(2001)0264.

⁴ Samit Dinji għall-Iżvilupp Sostenibbli, Pjan ta' Implimentazzjoni.

L-għan li jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità sa l-2010 huwa s-suġġett ta' diversi ftehimiet internazzjonali ewlenin. Kull wieħed jirrikonoxxi d-degradazzjoni mgħaġġla ta' l-ekosistemi u ta' l-ambjenti naturali, it-theddida dejjem tikber għal ħafna popolazzjonijiet ta' speċijiet u l-ħtieġa urġenti titieħed azzjoni li twaqqaf it-telf ta' riżorsi naturali li m'humiex sostitwibbli.

Għall-ewwel darba ġiet adottata mira ġenerali ta' konservazzjoni minflok objettivi mfasla b'mod ġenerali li forsi jistgħu jkollhom l-effet mixtieq ta' konservazzjoni jew forsi le. Madanakollu, meta wieħed iqis it-telf mgħaġġel attwali fil-bijodiversità, kemm fl-Ewropa u kif ukoll madwar id-dinja, u limitu u l-intensità dejjem jiżdiedu ta' ħafna attivitajiet tal-bniedem, l-objettiv li sa l-2010 l-bijodiversità titwaqqaf milli tmur lura jenħtieġ sforzi bħal qatt qabel fl-adattazzjoni ta' l-attivitajiet tagħna għall-bżonijiet tas-sistemi naturali.

Il-Pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-Rapporteur jisħaq li l-mira tal-bijodiversità ta' l-2010 qiegħda wara l-kantuniera. Qed jitfaċċa konsensus dwar x'hemm bżonn isir sabiex il-bijodiversità tiġi salvata fis-snin li ġejjin:

1. L-ispeċijiet u l-ekosistemu għandhom bżonn l-ispazju biex jiżviluppaw u jirkupraw. Iż-**żamma** tas-servizzi ta' l-ekosistema - kif promossa mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - għandha ssir għan fundamentali tal-politiki kollha orizzontali u settorjali ta' l-UE.
2. 75% **taż-żoni tas-sajd** kollha huma sfruttati sal-massimu jew qed jinqabad **iż-żejjed ħut minnhom**. Speċijiet bħall-**cod, haddock u halibut** diġ huma mhedda. Jekk ma nersuqx lejn użu sostenibbli, mhux ser ikun baqa' ħut għan-neputijiet tagħna. Għalhekk ir-rapporteur jirrikonoxxi t-theddid lil stokkijiet tal-ħut, speċijiet li m'humiex fil-mira u ambjenti naturali marittimi li ġej minn Prattiki ta' sajd li m'humiex ekoloġikament sostenibbli inkluż is-sajd illegali;
3. Toroq, fabriki u bini għar-residenzi jeqred l-mabjenti naturali ta' l-annimali u tal-pjanti. Jekk l-iżvilupp urban u rurali jkompli jinjora n-antura, l-ambjent ta' madwarna ser ikun iddominat mill-konkrit u mit-tniġġiż.
4. Il-bidla fil-klima qed tiġi meqjusa bħala l-akbar sfida għall-umanità. Bil-kundizzjonijiet li qed jinbidlu, l-ekosistemi u l-ambjenti naturali ser jinbidlu wkoll. Ir-Rapporteur jisħaq dwar l-importanza vitali li jkun **hemm approċċ lejn ekosistemi ta' adattament għall-bidla fil-klima**, b'mod partikolari fir-rigward ta' politiki li jaffettwaw l-użu ta' l-art, l-ilma u l-baħar. Il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, u li niżguraw li l-ispeċijiet **jemigraw** jew jadattaw għal ambjenti ġodda huma obbligati.
5. Jekk speċi tiġi **rilaxxata** barra mill-ambjent naturali tagħha tista' sempliċiment tmut. F'każijiet oħrajn, dak li jissejħu speċijiet aljeni invażivi tkattru u qerdu l-flora u l-fawna lokali. Billi wieħed qatt ma jista' jgħid x'ser ikun ir-riżultat, huwa kruċjali li dawn l-invażjonijiet jitnaqqsu. F'dan ir-rigward ir-Rapporteur jisħaq li l-firxa ta' l-IAS qed **taggrava ruħha** miż-żieda fiċ-ċaqleq ta' persuni u ta' merkanzija u jħeġġeġ l-

iżvilupp ta' **rispons** komunitarju komprensiv għall-probelma, inklużi sistema ta' twissija minn kmieni, l-irranġar ta' nuqqasijiet fil-qafas leġislattiv, inkluż l-iżvilupp ta' Strateġija ta' l-UE għall-IAS;

6. Il-bijodiversità hija l-pedament ta' l-iżvilupp sostenibbli. Is-servizzi ta' l-ekosistema jipprovdu l-bażi għall-attività ekonomika kollha. It-tħassib dwar il-bijodiversità għalhekk hemm bżonn li jiġi integrat fl-oqsma kollha ta' tfassil ta' politika. Il-miżuri jinkludu inċentivi għas-suq, għajna għall-iżvilupp, kummerċ li jkun favorevoli għall-bijodiversità u proċessi internazzjonali ta' tmexxija.
7. L-Istati Membri għandhom jisfruttaw l-opportunitajiet kollha disponibbli fi ħdan il-CAP, is-CFP, il-Fondi ta' Koeżjoni u dawk Strutturali, il-LIFE+ u Seba' Programm ta' Qafas sabiex jappoġġjaw il-miri tal-bijodiversità u sabiex jallokaw aktar riżorsi naturali. Barra minn hekk għandha tingħata kunsiderazzjoni akbar lill-bżonnijiet finanzjarji fir-reviżjoni tal-baġit 2008-2009, li matulha għandu jkun hemm evalwazzjoni ta' kemm l-iffinanzjar ta' l-UE għall-bijodiversità, speċjalment għan-Natura 2000, qed ikun biżżejjed u disponibbli.
8. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, ir-Rapporteur jirrikonoxxi li l-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għall-2010 u Lilhinn huwa għodda vitali u opportunità ta' l-aħħar sabiex jinġabru flimkien il-partijiet interessati kollha fuq livell Komunitarju u ta' SM dwar azzjonijiet ewlenin sabiex jintlaħqu l-impenji 2010. Madanakollu minħabba ż-żmien limitat li fadal għall-implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-istrutturi meħtieġa jkunu f'posthom sabiex ikun hemm implimentazzjoni immedjata u effettiva fuq livell Komunitarju u dak ta' SM.

19.12.2006

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar it-twaqqif tat-telf tal-Bijodiversità sa l-2010
(2006/2233(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Thijs Berman

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jitlob lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni tiegħu għal riżoluzzjoni:

1. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u jaraha bħala punt tajjeb tat-tluq lejn approċċ aktar iffukat għall-kisba tal-mira ta' l-2010 fil-qasam tal-bijodiversità, u jappoġġja d-deċiżjoni biex isir enfasi akbar fuq it-tisħiħ ta' l-implimentazzjoni tal-politika u tal-miżuri eżistenti;
2. Jirrimarka li l-Politika Komuni għall-Agricoltura (CAP) u d-dinamika ta' l-iżvilupp assoċjata li twassal, min-naħa waħda, għall-ispeċjalizzazzjoni u l-intensifikazzjoni u, min-naħa l-oħra, għall-marġinalizzazzjoni u l-użu inqas intensiv ta' l-art, ikkontribwixxew għal telf sinifikanti ta' bijodiversità f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin;
3. Jirreferi għar-rikkezza kbira ta' speċi u għad-diversità ġenetika kbira ta' wċuħ tar-raba' u ta' animali, u jagħti l-opinjoni tiegħu favur iż-żamma u t-tisħiħ ta' din id-diversità;
4. Jinnota li l-provvista tal-prodotti tar-raba' fis-suq ma tirriflettix bis-sħiħ id-diversità ta' l-ispeċijiet u tal-varjetajiet, u jišhaq favur il-promozzjoni tad-diversità fil-provvista tal-prodotti tar-raba' kemm fil-kummerċjalizzazzjoni diretta kif ukoll fil-kummerċjalizzazzjoni li ssir b'koperazzjoni mal-bejjiegħa bl-immnut u ma' l-industrija ta' l-ipproċessar;
5. Jinnota li l-produtturi agrikoli u dawk li jrabbu varjetajiet reġjonali jeħtieġu ċertezza legali għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni; jitlob għalhekk li d-Direttiva 98/95/KE tiġi applikata immedjatament; din id-Direttiva titlob li jkun hemm bażi legali sabiex tiġi permessa, fil-qafas tal-leġiżlazzjoni dwar il-kummerċ taż-żrieragħ, il-konservazzjoni ta' varjetajiet mhedda bl-erożjoni ġenetika, permezz ta' l-użu tagħhom in

situ u fl-irziezet;

6. Jemmen li l-fatturi ewlenin li jwasslu għat-telf tad-diversità bijoloġika huma l-bidla fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, l-użu ta' metodi intensivi fl-agrikoltura u l-immaniġġjar mhux xieraq tal-foresti u tar-riżorsi ta' l-ilma;
7. Jirrimarka li hemm bżonn li tinżamm id-diversità tal-pajsaġġi rurali Ewropej, mhux biss biex ikunu jistgħu jibqgħu għaddejjin is-servizzi pprovduti mill-biedja sostenibbli, iżda wkoll biex jinżamm il-fluss tal-gene bejn popolazzjonijiet selvaġġi ta' flora u fauna;
8. Jirrimarka li l-promozzjoni ta' denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għandha rwol ewlieni biex tissalvagwardja l-ispeċjalitajiet reġjonali, il-kultura rurali sħiħa marbuta magħhom u l-prattiki agrikoli tradizzjonali marbuta magħhom li permezz tagħhom is-sistemi tal-biedja tal-kampanja u rurali jistgħu jiġu ppreservati bħala ambjenti naturali fejn jgħixu ħafna speċijiet selvaġġi;
9. Jirrimarka li fl-1992 sar l-ewwel pass biex il-ħarsien tal-bijodiversità jiġi integrat fil-CAP, u li aktar tard, ir-riforma ta' l-2003 introduċiet miżuri bħall-konformità reċiproka, il-pagament waħdieni għal kull farm (decoupling) u l-iżvilupp rurali li jwasslu għal benefiċċji għall-bijodiversità; 10. Jiġbed l-attenzjoni għar-regolament ġdid dwar l-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013), li jipprovdi, fost affarjiet oħra, għall-iffinanzjar ta' Natura 2000, jinkludi miżuri agrikoli-ambjentali u miżuri immirati biex jippreservaw ir-riżorsi ġenetiċi fil-biedja u jappoġġjaw l-immaniġġjar sostenibbli tal-foresti u jmantni l-pagamenti għal żoni bi żvantaġġi naturali;
11. Jirrimarka li l-fondi li saru disponibbli fil-qafas finanzjarju 2007-2013 għall-Fond għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD), il-Fondi ta' Koeżjoni u Strutturali u Life+ fuq kollox jagħtu l-opportunità biex ikompli l-finanzjament, bħala kwistjoni ta' prijorità, ta' proġetti dwar il-bijodiversità u tan-netwerk Natura 2000;
12. Jiddeplora l-fatt, madankollu, li l-proposta tal-Kummissjoni, appoġġjata mill-Parlament, biex tipprovdi EUR 20 biljun oħra għall-politika dwar l-iżvilupp rurali fil-qafas finanzjarju 2007-2013 ma ġietx aċċettata mill-Kunsill, aktar u aktar billi l-flus setgħu jintużaw speċifikament biex ikomplu jwessgħu u japprofondixxu l-miżuri relatati mal-bijodiversità;
13. Jiddeplora l-fatt li l-iffinanzjar disponibbli għall-EAFRD mhuwiex suffiċjenti biex jipproduċi l-effett mixtieq fuq l-immaniġġjar tan-netwerk Natura 2000, kif dan jiġi determinat mill-biedja u mill-industrija tal-foresti, u li l-appoġġ propost għat-titjib ta' l-għarfien u monitorjar huwa partikolarment dgħajfef;
14. Jipproponi li l-bijodiversità ssir waħda mill-prinċipji ewlenin tal-'kontroll tas-saħħa' tal-Politika Komuni ta' l-Agrikoltura li għandu jsir fl-2008;
15. Iqis li hemm il-ħtieġa li l-'kontroll tas-saħħa' ta' l-2008 jintuża biex jevalwa kemm il-miżuri varji dwar il-bijodiversità huma effettivi, b'mod speċjali miżuri fil-qasam ta' l-industrija tal-foresti, u biex jittratta n-nuqqasijiet f'dan il-qasam b'mod xieraq;
16. billi bħala utent tal-bijodiversità, l-agrikoltura għandha rwol essenzjali fl-immaniġġjar u

l-manteniment ta' l-istess bijodiversità; jistima li minni issa 'l quddiem il-CAP għandha tippromwovi mudelli dejjiema ta' produzzjoni, li filwaqt li jkunu vjabbli ekonomikament, jippermettu li jkun hemm azzjoni fuq l-ambjent u fuq il-valorizzazzjoni u rijabilitazzjoni tal-bijodiversità ta' l-akbar għadd possibbli ta' speċijiet, annimali, ftejjem u mikro-organiżmi;

17. Jirakkomanda l-promozzjoni ta' sħubijiet (lokali/reġjonali) bejn is-sidien ta' l-art u l-partijiet li jużawha, organizzazzjonijiet li jaħdmu favur il-konservazzjoni tan-natura, il-gvern u ċentri ta' kompetenza speċjalizzata sabiex ikunu jistgħu jaħdmu flimkien biex isibu soluzzjonijiet lokali għal problemi ta' bijodiversità, billi jadottaw metodu minn isfel għal fuq;
18. Juri l-bżonn li jiġu prodotti miżuri speċifiċi biex jippromwovu l-bijodiversità fl-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE, u jenfasizza l-fatt li s-servizzi marbuta ma' l-ekosistemi, bħall-manutenzjoni tal-pajsaġġ, u attivitajiet ekonomiċi bħat-turiżmu jiddependu fuq xulxin;
19. Jitlob li l-kultivazzjoni u l-użu tal-bijomassa għall-produzzjoni ta' l-enerġija u bħala fjuwil tittieħed bħala opportunità biex tiżdied il-bijodiversità fil-biedja; iqis li dan għandu jkun rifless ukoll fl-iffinanzjar tar-riċerka fi ħdan is-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka u li l-kultivazzjoni tal-bijomassa m'għandhiex titħalla twassal għal tnaqqis fil-bijodiversità fl-Unjoni Ewropea jew lil hinn minnha;
20. Jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra kif aspetti tal-bijodiversità jistgħu jiġu inkorporati f'ċertifikat ta' l-ekoloġija, li madankollu għandu jkun suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin: il-fattibilità reali ta' ċertifikati ta' l-ekoloġija għandha tiġi evalwata, ir-regoli tas-suq komuni m'għandhomx jiġu ppreġudikati bit-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fost prodotti mill-Istati Membri u l-kompetittività tal-prodotti tal-Komunità m'għandhiex titpoġġa fil-periklu permezz ta' rivali minn pajjiżi mhux membri;
21. Jiddispijaċih li fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali u multilaterali nġhatat attenzjoni limitata għall-aspetti ta' bijodiversità; jaqbel ma' l-integrizzjoni tad-dimensjoni tal-bijodiversità fil-kummerċ internazzjonali u fl-isforzi globali biex jinbidlu l-mudelli mhux sostenibbli tal-produzzjoni u tal-konsum; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu l-ewwel prijorità biex jiġu rikonossuti kwistjonijiet mhux kummerċjali fin-negozjati tad-WTO li qed isiru bħalissa;
22. Jilqa' l-intenzjoni espliċita biex tittieħed azzjoni favur il-manutenzjoni tal-bijodiversità fuq livell globali, b'mod partikulari fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp;
23. Jappoġġja proġetti eżistenti fejn qed jiġu żviluppati indikaturi oġġettivi għall-monitorjar u għall-evalwazzjoni tal-bijodiversità u jitlob lill-Kummissjoni biex tiggarantixxi konformità ma' l-obbligi meħuda mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Konvenzjoni għall-Bijodiversità, jiġifieri l-użu sostenibbli u l-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-qsim ġust u ekwitabbli tal-benefiċċji li jirriżultaw minnha, biex timpenja ruħha sabiex il-materjal ta' riferenza marbut ma' l-ispeċijiet u l-varjetajiet jinżamm biss fi stati firmatarji tal-Konvenzjoni tal-Bijodiversità, u biex tarmonizza l-informazzjoni disponibbli u tagħmel użu min-netwerks eżistenti;
24. Jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li l-pubbliku jingħata informazzjoni dwar l-azzjoni ta' l-

EU favur il-ħarsien tad-diversità bijoloġika u dwar il-benefiċċji ekonomiċi u soċjali ta' dan il-ħarsien;

25. Jikkunsidra li r-rekwiżiti attwali għar-rapporti għandhom ikunu metodiċi u simplifikati u li fil-fuor ir-rapporti m'għandhomx iwasslu għal aktar piż amministrattiv.
26. Huwa tal-fehma li s-soċjetà kollha ta' l-UE, inklużi l-oqsma tal-kummerċ u ta' l-educazzjoni, għandha tkun involuta b'mod attiv fil-proċess tal-ħarsien tal-bijodiversità;
27. Jilqa' l-intenzjoni li jingħata rapport annwali lill-Parlament u lill-Kunsill dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Bijodiversità.

PROCĊEDURA

Titolu	It-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità sa l-2010
Numru tal-proċedura	2006/2233(INI)
Kumitat responsabbli	ENVI
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 28.9.2006
Rapporteur ta' opinjoni Data tal-ħatra	Thijs Berman 11.9.2006
Rapporteur ta' opinjoni preċedenti	-
Eżami fil-kumitat	21.11.2006 19.12.2006
Data ta' l-adozzjoni	19.12.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 -: - 0: -
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Vincenzo Aita, Marie-Hélène Aubert, Katerina Batzeli, Thijs Berman, Niels Busk, Luis Manuel Capoulas Santos, Giuseppe Castiglione, , Joseph Daul, Albert Deß, Gintaras Didžiokas, Carmen Fraga Estévez, Duarte Freitas, Jean-Claude Fruteau, Ioannis Gklavakis, Lutz Goepel, Bogdan Golik, Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf, Esther Herranz García, Heinz Kindermann, Albert Jan Maat, Diamanto Manolakou, Mairead McGuinness, María Isabel Salinas García, Agnes Schierhuber, Willem Schuth, Czesław, Adam Siekierski, Brian Simpson, Csaba Sándor Tabajdi, Marc Tarabella, Witold Tomczak, Kyösti Virrankoski, Janusz Wojciechowski, Andrzej Tomasz Zapałowski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Pilar Ayuso, Bernadette Bourzai, Astrid Lulling
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	-
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	.-

25.1.2007

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar it-twaqqif tat-telf tal-Bijodiversità sa l-2010
(2006/2233(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ioannis Gklavakis

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-importanza ta' l-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar is-sajd riformata, għaliex tipprovdi għall-iżvilupp sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u tiskoraġġixxi s-sajd eċċessiv, li jikkostitwixxi theddida għall-ħajja tal-baħar.
2. Jenfasizza l-importanza tal-proposta għal 'Direttiva għal Strateġija tal-Baħar' (COM(2005)0505) u jfakkar il-ħtieġa li l-Istati Membri iħejju pjanijiet nazzjonali bil-għan li jippreservaw ir-riżorsi ħajjin u dawk bla ħajja assoċjati ma' l-ambjent tal-baħar;
3. Jikkusidra vitali li jkunu promossi l-ftehimiet u l-pjanijiet ta' azzjoni kkumbinati bejn l-UE u pajjiżi terzi mirati lejn il-preservazzjoni taż-żoni komuni tal-baħar.
4. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni sabiex timplimenta politika marittima komuni bbażata fuq approċċ olistiku lejn l-ibħra u jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa tal-preservazzjoni ta' l-ambjent u ta' l-ekoloġija ta' l-ibħra bħala garanzija għall-iżvilupp ekonomiku ta' setturi bħas-sajd, it-turiżmu u oħrajn.
5. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tħejji programm speċifiku ta' azzjoni biex jiġġieled is-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU), li jikkostitwixxi theddida fundamentali għat-tiġdid ta' l-istokk tal-ħut.
6. Ifakkar fl-importanza tas-Seba' Programm ta' Qafas dwar ir-Riċerka u l-ħtieġa li s-sajd u l-esplojtazzjoni sostenibbli ta' l-ibħra ikunu kkunsidrati bħala prijorità strateġika għall-preservazzjoni ta' l-ambjent tal-baħar.

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi l-immaniġġjar u l-irkupru ta' pjanijiet għal ċertu speċijiet ta' ħut li spiss m'humiex konformi mal-monitoraġġ tajjeb ta' dawk l-ispeċijiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tapplika miżuri aktar speċifiċi li huma kompatibbli mat-tagħmir tas-sajd u mal-metodi wżati fl-oqsma bijoġeografiċi fil-kwistjoni.
8. Jinnota li l-promozzjoni ta' metodi ta' sajd selettiv tikkostitwixxi prijorità għaliex għandu jikkontribwixxi lejn is-sostenibbiltà tas-sajd u l-manteniment tal-bijodiversità billi jnaqqas il-qbid sekondarju.
9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tivverifika aktar mill-qrib il-konformità mal-liġijiet Komunitarji konnessi mal-ġlieda kontra t-tniġġis u d-degradazzjoni ta' l-ekosistemi tal-baħar.
10. Jilqa' l-proposta mressqa mill-UE u mill-Istati Membri sabiex l-ekosistemi tal-baħar u tax-xmajjar ikunu inkorporati fin-netwerk NATURA 2000 tas-siti protetti, u jistieden sabiex ikun hemm enfasi fuq iż-żoni ta' riproduzzjoni ta' l-istokk tal-ħut.
11. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkonsolida n-netwerk NATURA 2000 billi testendiha fl-għaxar Stati Membri li ssieħbu ma' l-UE fl-2004 u fil-Bulgarija u r-Rumanija peress li, wara s-sħubija ta' dawn iż-żewġ pajjiżi ta' l-aħħar, il-Baħar l-Iswed issa jifforma parti mill-ibħra tal-Komunità.
12. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-riperkussjonijiet fuq il-bijodiversità ta' l-introduzzjoni ta' speċijiet eżotiċi u tal-possibilità reali li ħut immodifikat ġenetikament joħroġ fl-ekosistemi tal-baħar, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistudja aktar il-perikli.
13. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-possibilità li ħut modifikat ġenetikament joħroġ fl-ekosistemi tal-baħar u l-probabilità li jirriproduċu mal-ħut lokali, li jista' jkisser il-bijodiversità ta' dawn l-ekosistemi; jistieden lill-KE sabiex tipprojbixxi milli jidħol fl-UE l-ħut modifikat ġenetikament maħsub għall-katina ta' l-ikel ta' l-UE.
14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġġixxi u tappoġġja studji konnessi mat-trobbija ta' speċijiet ġodda fil-maġhluq, partikularment speċijiet affetwati mis-sajd eċċessiv, b'hekk ikunu milħuqa l-ħtiġijiet tas-suq li huma potenzjalment mhedda bit-tnaqqis fil-qbid.
15. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiffinanzja studji ta' l-ekosistemi tal-baħar, partikularment fiż-żoni li għandhom bijodiversità għanja u attività tas-sajd intensiva.
16. Jilqa' d-dikjarazzjoni ta' intenzjoni tal-Kummissjoni li tintroduċi leġiżlazzjoni speċifika għaċ-ċertifikazzjoni tal-ħut u jhegghiha sabiex tressaq proposta leġiżlattiva mill-aktar fis possibbli.
17. Jistieden lill-KE sabiex tintroduċi kontrolli effettivi dwar ir-rilaxx ta' ilma tas-saborra fl-ibħra ta' l-UE.
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tagħmel pressjoni fuq dawk responsabbli mid-dewmien suċċessiv fit-twaqqif ta' kunsilli konsultattivi reġjonali għas-sajd, li huma vitali għall-kontroll imtejjeb u għall-preservazzjoni tar-riżorsi tal-ħut.

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tniedi kampanja biex tqajjem kuxjenza pubblika dwar il-problemi konnessi mal-preservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u ta' l-ekosistemi assoċjati.
20. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-bżonn li jkun provdut kumpens finanzjarju lill-komunitajiet lokali li d-dħul tagħhom kien affetwat ħażin mill-azzjonijiet speċifiċi mmirati lejn il-preservazzjoni ta' l-ambjent tal-baħar.

PROĊEDURA

Titolu	It-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità sa l-2010	
Numru tal-proċedura	2006/2233(INI)	
Kumitat responsabbli	ENVI	
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 28.9.2006	
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja		
Rapporteur ta' opinjoni Data tal-ħatra	Ioannis Gklavakis 27.9.2006	
Rapporteur ta' opinjoni preċedenti		
Eżami fil-kumitat	20.11.2006 20.12.2006	
Data ta' l-adozzjoni	25.1.2007	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 0 0: 1	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	James Hugh Allister, Stavros Arnaoutakis, Elspeth Attwooll, Marie-Hélène Aubert, Iles Braghetto, Niels Busk, Luis Manuel Capoulas Santos, David Casa, Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Carmen Fraga Estévez, Ioannis Gklavakis, Pedro Guerreiro, Ian Hudghton, Heinz Kindermann, Albert Jan Maat, Rosa Miguélez Ramos, Philippe Morillon, Seán Ó Neachtain, Willi Piecyk, Dirk Sterckx, Catherine Stihler, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Thomas Wise	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Duarte Freitas, James Nicholson	
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali		
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...	

PROĊEDURA

Titolu	It-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità sa l-2010			
Numru tal-proċedura	2006/2233(INI)			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 28.9.2006			
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 28.9.2006	AGRI 28.9.2006	ITRE 28.9.2006	DEVE 28.9.2006
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	ITRE 4.10.2006	DEVE 3.10.2006		
Koperazzjoni attar mill-qrib Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja				
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Adamos Adamou 13.7.2006			
Rapporteur(s) preċedenti				
Eżami fil-kumitat	30.1.2007			
Data ta' l-adozzjoni	21.3.2006			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ 50 - 0 0 0			
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Margrete Auken, Liam Aylward, Pilar Ayuso, Johannes Blokland, John Bowis, Frieda Brepoels, Dorette Corbey, Chris Davies, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Edite Estrela, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Jens Holm, Caroline Jackson, Dan Jørgensen, Aldis Kuškis, Peter Liese, Jules Maaten, Linda McAvan, Marios Matsakis, Alexandru-Ioan Morțun, Riitta Myller, Miroslav Ouzký, Dimitrios Papadimoulis, Antonia Parvanova, Vittorio Prodi, Guido Sacconi, Richard Seeber, Kathy Sinnott, Bogusław Sonik, María Sornosa Martínez, Antonios Trakatellis, Evangelia Tzampazi, Thomas Ulmer, Marcello Vernola, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Glenis Willmott			
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alfonso Andria, Giovanni Berlinguer, Iles Braghetto, Henrik Lax, Jiří Maštálka, Stefan Sofianski			
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Radu Podgorean			
Data tat-tressiq	28.3.2007			
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)				